



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-7 ta' Lulju 2020

# L-awdituri jistaqsu kemm huwa sostenibbli l-użu li jsir mill-ilma fl-agrikoltura tal-UE

Billi l-bdiewa huma fost l-akbar konsumaturi ta' ilma ħelu, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed tivvaluta l-impatt tal-politika agrikola tal-UE dwar l-użu sostenibbli tal-ilma. L-awditu, li għadu kif inbeda, se jkun utli hekk kif l-UE qed timxi 'l quddiem bir-riforma tagħha tal-politika agrikola komuni.

L-ilma ħelu huwa waħda mill-aktar riżorsi siewja li għandna. Madankollu, il-pressjonijiet doppji tal-attività ekonomika u tat-tibdil fil-klima qed iwasslu biex l-ilma fl-Ewropa kollha jsir dejjem aktar skars. L-agrikoltura, b'mod partikolari, għandha impatt mill-akbar. Mill-inqas kwart tal-ilma ħelu kollu li jiġi estratt fl-UE jintuża fuq l-artijiet agrikoli. L-attività agrikola taffettwa mhux biss il-kwantità u d-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma ħelu, iżda taffettwa wkoll il-kwalità tal-ilma, pereżempju permezz tat-tniġġis mill-fertilizzanti u mill-pestiċidi.

*"Il-bdiewa huma fost l-akbar utenti tal-ilma ħelu; huma wkoll fost l-ewwel li se jiġu affettwati mill-iskarsezza tal-ilma," qalet Joëlle Elvinger, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli mill-awditu. "L-awditu li qed inwettqu għandu l-għan li jiddetermina, b'mod partikolari, jekk l-azzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fl-agrikoltura hijiex adatta u effettiva f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni u l-infurzar tal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli ta' din ir-riżorsa essenzjali."*

L-approċċ attwali tal-UE għall-ġestjoni tal-ilma jmur lura għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tal-2000, li introduċiet, fost affarijiet oħra, il-prinċipji tal-użu sostenibbli tal-ilma. Hija għandha l-għan li tipprevieni d-deterjorament tal-korpi tal-ilma u tikseb stat tajjeb, kemm kwalitattiv kif ukoll kwantitattiv, għall-korpi kollha tal-ilma madwar l-UE.

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-previżjoni ta' awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-previżjoni sħiħa hija disponibbli bl-Ingliż fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Il-politika agrikola komuni (PAK) għandha rwol importanti fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-ilma. Hija toffri xi għodod li jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-pressjonijiet fuq ir-riżorsi tal-ilma, iżda tista' wkoll, pereżempju, tiffinanzja l-infrastruttura tal-irrigazzjoni.

Dan l-awditu tal-impatt li l-politika agrikola tal-UE għandha fuq l-użu sostenibbli tal-ilma qed jitnieda bil-ħsieb li jikkontribwixxi għall-PAK tal-ġejjieni.

L-awdituri se jivvalutaw jekk il-politiki tal-UE jippromwovux l-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura. B'mod partikolari, huma se jeżaminaw jekk:

- o il-Kummissjoni Ewropea inkludietx il-prinċipji tal-użu sostenibbli tal-ilma fir-regoli tal-PAK;
- o l-Istati Membri tal-UE japplikawx dawn il-prinċipji u jipprovdux inċentivi għall-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura.

#### **Nota lill-edituri**

Tliet ġimgħat ilu, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li ma tirrevedix id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-korpi kollha tal-ilma jkunu fi "stat tajjeb" sal-2027.

Il-previżjoni ta' awditu, li għet ippubblikata llum, tipprovdni informazzjoni dwar kompitu tal-awditjar li għaddej bħalissa dwar l-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura tal-UE, li mistenni jiġi konkluż fit-tieni nofs tal-2021. Il-previżjonijiet ta' awditi huma bbażati fuq xogħol ta' thejjiġa li jsir qabel ma jinbeda awditu u ma għandhomx jitqiesu bħala osservazzjonijiet, konklużjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tal-awditjar. Il-previżjoni ta' awditu sħiħa hija disponibbli bl-Ingliż fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).

Fi snin reċenti, il-QEA ppubblikat bosta rapporti speċjali dwar kwistjonijiet relatati mal-ilma, bħad-[deżertifikazzjoni](#), id-[Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb](#), l-[ewtrofikazzjoni fil-Baħar Baltiku](#) u l-[kwalità tal-ilma fil-baċin tax-Xmara Danubju](#).

Informazzjoni dwar il-miżuri li l-QEA ħadet b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 tista' tinstab [hawnhekk](#).

#### **Kuntatt għall-istampa għal din il-previżjoni ta' awditu**

Vincent Bourgeais – E: [vincent.bourgeais@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeais@eca.europa.eu)

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502